MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 131/2012

Kawza fil-lista: 28

**AB**
**vs**
**C D; E B li b'digriet tat-23 t'April 2013 giet estromessa peress li m'ghandiex locus standi f'din il-kawza;**
**Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lit-tifel minuri F D u dan permezz ta' digriet tat-30 ta' Lulju 2012;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fis-6 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti kien f' relazzjoni ma' l-intimata C D ghal dan l-ahhar zmien;

Illi l-esponent u l-intimata C D kellhom tarbija minn din ir-relazzjoni bl-isem ta' F D li twieldet nahar il-hdax (11) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) dana kif jidher mic-certifikat tat-twelid annes li jindika li l-missier ma huwiex maghruf;

Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjani erbgha wiehed tnejn tlieta (4123) tas-sena elfejn u hdax (2011) li jindika li l-missier ma huwiex maghruf;

Illi minkejja li t-tifel minuri gie registrati bhala missier mhux maghruf, l-esponenti huwa l-missier naturali ta' l-istess u di piu, ezami genetiku juri illi l-espanent huwa l-missier tal-minuri F;

Illi kontestwalment r-rikorrenti qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw il-minuri F D.

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri F D huwa l-wild naturali tar-rikorrenti AB;

Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri F D bin-numri ta' iskrizzjoni erbgha wiehed tnejn tlieta (4123) tas-sena elfejn u hdax (2011), jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem missier mhux maghruf jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati:

AB, detentur tal-karta ta' l-identita' numru [349676M}, bin Michael u Maria nee' Farrugia, mwieled Pieta' u residenti Pawl, Dingli.

U fl-evenwalita illi t-talbiet suesposti jigu akkolti stante li hemm qbil bejn ir-rikorrenti AB u C D tordna illi:

(i) ir-rikorrenti ikun obbligat ihallas l-ammont ta' mija u tmenin Euro (€ 180) fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem ghall-htiegijiet tal-minuri F u dan sa ma l-istess minuri taqhlaq l-eta ta' tmintax (18) il-sena;

(ii) ir-rikorrenti ikollu dritt ta' access ghall-istess minuri F kull nhar ta' Tlieta bejn is-sitta u tmienja ta' filghaxija (6.00pm - 8.00pm) u fi tmien il-gimgha fuq bazi alternattiva darba s-Sibt u darba l-Hadd bejn id-disgha ta' filghodu (9.00am) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm). Illi kif l-minuri jaqhlaq l-eta ta' tlett (3) snin l-access provdut jigi sostitiwit fis-sens illi nhar ta' Tlieta jibqa’ l-istess filwaqt illi fi tmiem il-gimgha ikun fuq bazi alternattiva darba mill-Gimgha sas-Sibt u darba mis-Sibt sal-Hadd mill-hamsa ta’ filghaxija (5.00pm) sa l-ghada fis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm).

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur konvenut epprezentata fis-27 ta’ Awissu 2012 li permezz taghha qed jilqa’ ghall-azzjoni attrici bil-mod segwenti:-

Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva ghaliex ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;

Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba ta' l-attur, l-esponent jinvita lill-istess attur AB sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha

tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri F, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex eventwalment jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi F bin-numru ta' registrazzjoni 4123 tas-sena 2011;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghat-tielet talba, l-esponent m'hux legittimu kontradittur.

Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta C D tas-6 ta’ Frar 2013.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ April 2013 li permezz tieghu ordnat li l-konvenuta E B tigi estromessa mill-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**l-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li hu l-missier naturali t-tifel F D li twieled fil-11 ta’ Ottubru 2011 li fuq ic-certifikat tat-twelid gie mnizzel “missier mhux maghruf”.

**Provi**

L-attur xhed illi bejn Dicembru tas-sena 2010 u Frar tas-sena 2012 huwa kien qed jikkoabita mal-konvenuta C D. Meta twieldet it-tarbija fil-11 ta' Ottubru 2011 huma kienu ilhom jikkoabitaw ghal madwar ghaxar xhur.

L-attur spjega illi huwa u l-konvenuta resqu volontarjament ghat-testijiet tad-DNA flimkien mal-minuri. Skont rapport mediku tad-DNA rilaxxjat minn Dr Marisa Cassar fit-2 ta' Marzu 2012 jirrizulta illi l-attur huwa effettivament missier il-minuri Denzel D.

**Konsiderazzjonijiet**.

M'hemmx dubju li l-attur huwa missier il-minuri. Dan jaqbel sew mal-istat tal-minuri kif ukoll mar-rizultanzi tat-testijiet xjentifici u ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba attrici jisthoqq li jigu akkolti.

Dwar it-tielet talba fir-rigward tal-manteniment u access tal-missier, hemm qbil bejn il-partijiet kif verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013.

Fir-risposta guramentata tieghu id-Direttur konvenut eccepixxa l-intempestivita' tal-azzjoni attrici peress li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Artikolu 86 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew*

*notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna rreġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

Dan l-artikolu ghandu jinqara flimkien mal-Artikolu 87 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:

*1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

Minn ezami ta' dawn l-artikoli jirrizulta illi l-uzu tal-ittra ufficjali huwa mehtieg meta ir-rikonoxximent isir bil-mezz ta' att pubbliku. Ghal ragunijiet tieghu l-attur ghazel li jistitwixxi kawza minflok jipprova l-mezz tal-att pubbliku kif kontemplat fl-artikolu appena citat.

Fil-fehma tal-Qorti l-ittra ufficjali ma kenitx mehtiega ad validitatem qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna,

ghalkemm in-nuqqas ta' l-attur li jirrikorri ghall-ittra ufficjali qabel istitwixxa l-kawza ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti prevja li tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita', tilqa' l-eccezzjoni li d-Direttur m'ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-minuri F D bhala l-wild naturali tal-attur AB.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri F D jigu kancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u minfok jitnizzel l-isem u l-konnotati tal-attur skond kif jidhru fit-tieni talba attrici b'dan illi l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom "B D".

3. Tilqa' t-tielet talba u (i) tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta C D bhala menteniment ghall-minuri F is-somma ta' mija u tmenin ewro fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem sakemm jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena liema manteniment ikompli jithallas wara li jaghlaq tmintax-il sena jekk jibqa' jsegwi kors ta' studju full-time. Il-manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja; u (ii) tordna li l-attur ikollu access ghall-minuri F kull nhar ta' Tlieta bejn is-sitta u tmienja ta' filghaxija (6.00pm - 8.00pm) u fi tmien il-gimgha fuq bazi alternattiva darba s-Sibt u darba l-Hadd bejn id-disgha ta' filghodu (9.00am) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm). Illi kif l-minuri jaqhlaq l-eta ta' tlett (3) snin l-access provdut jigi sostitiwit fis-sens illi nhar ta' Tlieta jibqa' l-istess filwaqt illi fi tmiem il-gimgha ikun fuq bazi alternattiva darba mill-Gimgha sas-Sibt u darba mis-Sibt sal-Hadd mill-hamsa ta' filghaxija (5.00pm) sa l-ghada fis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm)

4. Fuq talba maghmula flimkien mill-attur u l-konvenuta D tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn il-genituri, li l-minuri jirrisjedi mal-omm,u li decizzjonijiet dwar sahha u safar tal-minuri jittiehdu mill-genituri flimkien u f'kaz ta' nuqqas ta' qbil isir rikors lill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------